MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2014

Numru. 440/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Luke Bonello)**

**Vs**

**Eihab Abdulmagid T Almagouz**

**Kumpilazzjoni Nru: 440/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Eihab Abdulmagid T. Almagouz, ta’ 22 sena, iben Abdulmagid u Amina xebba Tiyyari, imwieled gewwa Tripoli l-Libja nhar l-20 ta’ Settembru, 1992 u detentur tal- passaport Libjan b’numru 165753/09.

Akkuzat talli fis-17 ta’ April, 2014 ghall-habta ta’ bejn 22:45pm u 00:00 gewwa San Giljan:

1. Minghajr hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Jordan Muscat f’periklu car ikkaguna lill-istess Jordan Muscat hsara fil-gisem jew fis-sahha liema hsara hija ta’ natura gravi.
2. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi hebb kontra Jordna Muscat sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara.
3. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku.
4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kien jinsab fis-sakra b’mod li ma’ kienx jista’ jiehu hsieb tieghu innifsu.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija flimkien jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, tipprovdi ghas-sigurta ta’ Jordan Muscat u/jew ta’ persuni ohra u/jew ghaz-zamma ta’ l-ordni pubblika, u/jew ghall-iskop ta’ protezzjoni tal-persuna leza u/jew ta’ individwu ohra minn fastidju u/jew imgieba ohra li taikkaguna biza’ ta’ vjolenza, billi tohrog ordni ta’ protezzjoni kontra l-akkuzat ai termini ta’ l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-artikoli 214, 216(1)(b), 338(dd)(ff) u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu permezz tac-citazzjoni u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunisdra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet il-provi.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat min-naha u min-naha l-ohra l-eta u l-fedina penali netta tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 214, 216(1)(b), 338(dd)(ff) u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28A ta’l-istess Kapitolu 9 qed jigu sospiza ghal perjodu ta’ erbgha snin (4).

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien erbgha snin.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------